# FIL-QORTI KRIMINALI

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs.**
**Clayton MC KAY**

**Att t'akkuża numru: 1/2022**

**Illum it-28 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti,**

1. Rat l-att ta' akkuża miġjuba fil-konfront ta' **Clayton MC KAY** (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 0133993M) ta' 29 sena iben Martin u Dolores xebba Mifsud imwieled Pieta' fis-17 ta' Marzu 1993 u residenti Nru 3, Mardor Triq Armal Qormi li ġie akkużat talli:

**<u>L-EWWEL (1) KAP</u>**
***Pussess aggravat tad-droga Herojina***

**<u>Il-fatti</u> :**

Illi fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) kif ukoll fix-xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer, **Clayton Mc Kay** (minn hawn 'l quddiem f'dan l-Att ta' Akkuża msejjaħ "**l-akkużat**") **kien fil-pussess ta' xejn anqas minn mija u tnejn u sittin punt disgħa u disgħin (162.99) gramma tad-droga *Herojina* u dan meta ma kienx fil-**

**pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu s-sustanza perikoluża** ***Herojina****;*

Illi waqt operazzjoni magħmula mid-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali ġewwa Ħal Qormi fit-22 ta' Frar 2019, irriżulta illi l-akkużat assigura li jiġi fil-pussess ta' mija u tnejn u sittin punt disgħa u disgħin (162.99) gramma tad-droga *Herojina* u dan mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu s-sustanza perikoluża *Herojina* u dan f'ċirkostanzi li kienu jindikaw illi d-droga ma kinitix għall-użu esklussiv tiegħu;

Illi kien għalhekk illi fiż-żmien, lok u ċirkostanzi msemmija f'dan l-Ewwel Kap, u ċioe' nhar it-22 ta' Frar 2019, l-Ispettur Anthony Scerri flimkien mas-Supretendent Ramon Cassar, is-Supretendent Keith Arnaud, diversi membri tal-iskwadri tal-Pulizija ta' Kontra d-Droga, tal-Investigazzjoni Kriminali u tal-Ispecial Intervention Unit aċċedew ġewwa razzett f'Wied iċ-Ċawsli f'Ħal Qormi fil-preżenza tal-akkużat;

Illi, fil-fatt, l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, immexxija mill-Ispettur Anthony Scerri, ġiet informata b'sejba ta' ammont inġenti ta' droga *Herojina* u *Kokaijina* ġewwa Ħal Qormi u postijiet oħra f'dawn il-Gżejjer, kif ukoll crushers tas-sustanza *Kannabis,* xi mwieżen u affarijiet oħrajn relatati ma' allegat traffikar ta' droga. Kien għalhekk illi sussegwentement wara l-Ispettur Anthony Scerri informa lill-Maġistrat tal-għassa b'tali investigazzjoni fejn fost l-oħrajn talab għall-mandati relattivi skont il-liġi sabiex il-Pulizija tkun tista' tissokta bl-arresti u tfittix u qbid rispettivi bla ebda xkiel;

Illi fil-kors tat-tfittxijiet eżegwiti mill-Iskwadra ta' Kontra d-Droga nstabet fost l-oħrajn s-sustanza suspettata droga *Herojina* fil-vettura tal-għamla Mitsubishi Pajero bin-numru ta' reġistrazzjoni CCB-329, li fiż-żmien tal-akkadut kienet qiegħdha tiġi misjuqa mill-akkużat. Illi s-sejba tad-droga saret wara li l-akkużat fetaħ il-garaxx ġewwa r-razzett numru 5 fi Triq Armal, Qormi u indika fejn is-sustanzi preżunti droga u oġġetti oħra relatati mat-teħid u traffikar ta' tali sustanzi kienu jinsabu;

Illi wara stħarriġ li sar fuq din il-vettura mill-Pulizija u Uffiċjali oħra, dejjem fil-preżenza tal-akkużat, instabu fost numru ta' boroż kontenenti fost l-oħrajn trab ta' kulur kannella suspettata d-droga *Herojina*. Din id-droga speċifika ġiet mgħoddija għal aktar stħarriġ kimiku lill-ispiżjar nominat mill-Magistrat Inkwerenti, fejn ġie konstatat li l-boroż in kwistjoni kienu jikkontjenu d-droga *Herojina* f'ammont nett totali ta' mija u tnejn u sittin

punt disgħa u disgħin (162.99) gramma bil-purita' ta' ħamsa punt sitta u tmenin (5.86%) fil-mija u bil-valur ta' ħdax-il elf mitejn u sitta u erbgħin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€11,246.86) skond il-valur fis-suq stimat fiż-żmien li fih l-ispiżjar nominat espleta l-inkarigu. Illi l-ammont ta' droga involuta u c-ċirkostanzi li fihom instabet jindikaw li d-droga in kwistjoni ma kinitx fil-pussess tal-akkużat għall-użu esklussiv u personali tiegħu;

Illi f'dan il-każ, l-akkużat ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga;

Illi d-droga *Herojina* hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għaldaqstant, l-akkużat ġewwa dawn il-Gżejjer nhar it-22 ta' Frar 2019, kif ukoll fix-xhur ta' qabel din id-data, kien fil-pussess tad-droga *Herojina* mingħajr l-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Illi *di più,* l-akkużat **Clayton Mc Kay** rrenda ruħu reċediv stante illi permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati. Dawn is-sentenzi huma:

*-Il-Pulizija (Spettur Kylie Borg) vs. Clayton McKay mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per l-Onorabbli Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D. nhar l-4 ta' Novembru 2017;*

*-Il-Pulizija (Spettur Godwin Scerri) vs. Clayton McKay mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per l-Onorabbli Maġistrat Dr. Charmaine Galea LL.D. nhar is-17 ta' Novembru 2016;*

*-Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs. Clayton McKay mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per l-Onorabbli Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Francesco Depasquale LL.D. nhar it-28 ta' April 2015;*

*-Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs. Clayton McKay mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per l-Onorabbli Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Francesco Depasqaule LL.D. nhar it-28 ta' Ottubru 2014;*

**Il-konsegwenzi** :

Illi b'għemilu l-akkużat **Clayton Mc Kay,** sar ħati talli fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) kif ukoll fix-xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu d-droga *Herojina* meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tat- Taqsima sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga, mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli u b'dan ir-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.**

Illi *di più,* bil-kommissjoni tar-reat fuq imsemmi, l-akkużat **Clayton Mc Kay** irrenda ruħu reċediv wara li b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati Maltin, l-akkużat instab ħati ta' diversi reati.

**L-akkuża** :

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmi **Clayton Mc Kay** ħati talli fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) kif ukoll fix-xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu d-droga *Herojina* meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tat- Taqsima sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga, mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru

responsabbli għas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli u b'dan ir-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.**

Inoltre, l-Avukat Ġenerali jaddebita lill-akkużat **Clayton Mc Kay** bir-reċediva wara li permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati. Dawn is-sentenzi huma:

*-Il-Pulizija (Spettur Kylie Borg) vs. Clayton McKay mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per l-Onorabbli Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D. nhar l-4 ta' Novembru 2017;*

*-Il-Pulizija (Spettur Godwin Scerri) vs. Clayton McKay mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per l-Onorabbli Maġistrat Dr. Charmaine Galea LL.D. nhar is-17 ta' Novembru 2016;*

*-Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs. Clayton McKay mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per l-Onorabbli Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Francesco Depasquale LL.D. nhar it-28 ta' April 2015;*

*-Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs. Clayton McKay mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per l-Onorabbli Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Francesco Depasqaule LL.D. nhar it-28 ta' Ottubru 2014;*

**<u>Il-piena mitluba</u> :**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Ligi kontra l-imsemmija akkużat **Clayton Mc Kay,** u li jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru kif ukoll piena tar-reklużjoni u multa ta' mhux inqas minn elfejn mija u tletin Euro (€2130) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti li servew sabiex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobli oħra tiegħu hekk misjub ħati skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10, 14, 20, 22(1)(a)(1B), 22(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(ċ)(d)(3B), 22(9),

22A, 24, 24A, 26 u 28 tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta u r-regola 9 tal-liġi sussidjarja 101.02 u fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 31(1)(a), 31(1)(b), 31(1)(ċ), 31(1)(d), 31(1)(e), 49, 50, 53 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat **Clayton Mc Kay**.

**IT-TIENI (2) KAP**
***Pussess aggravat tad-droga Kokajina***

**Il-fatti :**

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmi fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe' fit-22 ta' Frar tas-sena 2019 kif ukoll fix-xhur ta' qabel din id-data, l-akkużat **Clayton Mc Kay kien fil-pussess ta' xejn anqas minn tmienja u tmenin punt disgħa u sittin (88.69) gramma tad-droga *Kokajina* u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu s-sustanza perikoluża *Kokajina;***

Illi waqt operazzjoni magħmula mid-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali ġewwa Ħal Qormi fit-22 ta' Frar 2019, irriżulta illi l-akkużat assigura li jiġi fil-pussess ta' tmienja u tmenin punt disgħa u sittin (88.69) gramma tad-droga *Kokajina* u dan mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu s-sustanza perikoluża Kokajina u dan f'ċirkostanzi li kienu jindikaw illi d-droga ma kinitix għall-użu esklussiv tiegħu;

Illi kien għalhekk illi fiż-żmien, lok u ċirkostanzi msemmija fl-Ewwel Kap ta' din l-Att ta' Akkuża, u ċioe' nhar it-22 ta' Frar 2019, l-Ispettur Anthony Scerri flimkien mas-Supretendent Ramon Cassar, is-Supretendent Keith Arnaud, diversi membri tal-iskwadri tal-Pulizija ta' Kontra d-Droga, tal-Investigazzjoni Kriminali u tal-Ispecial Intervention Unit aċċedew ġewwa razzett f'Wied iċ-Ċawsli f'Ħal Qormi fil-preżenza tal-akkużat;

Illi, fil-fatt, l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, immexxija mill-Ispettur Anthony Scerri, ġiet informata b'sejba ta' ammont inġenti ta' droga *Herojina* u *Kokaijina* ġewwa Ħal Qormi u postijiet oħra f'dawn il-Gżejjer, kif ukoll crushers tas-sustanza *Kannabis,* xi mwieżen u affarijiet oħrajn relatati ma'

allegat traffikar ta' droga. Kien għalhekk illi sussegwentement wara l-Ispettur Anthony Scerri informa lill-Maġistrat tal-għassa b'tali investigazzjoni fejn fost l-oħrajn talab għall-mandati relattivi skont il-liġi sabiex il-Pulizija tkun tista' tissokta bl-arresti u tfittix u qbid rispettivi bla ebda xkiel;

Illi fil-kors tat-tfittxijiet eżegwiti mill-Iskwadra ta' Kontra d-Droga nstabet fost l-oħrajn s-sustanza suspettata droga *Kokajina* fil-vettura tal-għamla Mitsubishi Pajero bin-numru ta' reġistrazzjoni CCB-329, li fiż-żmien tal-akkadut kienet qiegħdha tiġi misjuqa mill-akkużat. Illi s-sejba tad-droga fuq imsemmija saret wara li l-akkużat fetaħ il-garaxx ġewwa r-razzett numru 5 fi Triq Armal, Qormi u indika fejn s-sustanzi preżunti droga u oġġetti oħra relatati mat-teħid u traffikar ta' tali sustanzi kienu jinsabu;

Illi wara stħarriġ li sar fuq din il-vettura mill-Pulizija u Uffiċjali oħra, dejjem fil-preżenza tal-akkużat, instabu fost numru ta' boroż kontenenti fost l-oħrajn trab ta' lewn abjad suspettata d-droga *Kokajina*. Din id-droga speċifika ġiet mgħoddija għal aktar stħarriġ kimiku lill-ispiżjar nominat mill-Magistrat Inkwerenti, fejn gie konstatat li l-boroż in kwistjoni kienu jikkontjenu d-droga *Kokajina* f'ammont nett totali ta' tmienja u tmenin punt disgħa u sittin (88.69) gramma bil-purita' ta' ħdax punt sebgħa fil-mija (11.70%) u bil-valur ta' erbat elef tlett mija ħamsa u erbgħin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€4,345.81) skond il-valur fis-suq stimat fiż-żmien li fih l-ispiżjar nominat espleta l-inkarigu. Illi l-ammont ta' droga involuta u c-ċirkostanzi li fihom instabet jindikaw li d-droga in kwistjoni ma kinitx fil-pussess tal-akkużat għall-użu esklussiv u personali tiegħu;

Illi f'dan il-każ, l-akkużat ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din id-droga;

Illi d-droga *Kokajina* hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi għaldaqstant, l-akkużat ġewwa dawn il-Gżejjer nhar it-22 ta' Frar 2019, kif ukoll fix-xhur ta' qabel din id-data, kien fil-pussess tad-droga *Kokajina* mingħajr l-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa mill-Liġi, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Illi *di più,* l-akkużat **Clayton Mc Kay** rrenda ruħu reċediv stante illi permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati. Dawn is-sentenzi huma:

*-Il-Pulizija (Spettur Kylie Borg) vs. Clayton McKay mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per l-Onorabbli Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D. nhar l-4 ta' Novembru 2017;*

*-Il-Pulizija (Spettur Godwin Scerri) vs. Clayton McKay mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per l-Onorabbli Maġistrat Dr. Charmaine Galea LL.D. nhar is-17 ta' Novembru 2016;*

*-Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs. Clayton McKay mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per l-Onorabbli Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Francesco Depasquale LL.D. nhar it-28 ta' April 2015;*

*-Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs. Clayton McKay mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per l-Onorabbli Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Francesco Depasqaule LL.D. nhar it-28 ta' Ottubru 2014;*

**Il-konsegwenzi :**

Illi b'għemilu l-akkużat **Clayton Mc Kay,** sar ħati talli fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) kif ukoll fix-xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu d-droga *Kokajina* meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tat- Taqsima sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga, mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli u b'dan ir-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.**

Illi *di più,* bil-kommissjoni tar-reat fuq imsemmi, l-akkużat **Clayton Mc Kay** irrenda ruħu reċediv wara li b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati Maltin, l-akkużat instab ħati ta' diversi reati.

**<u>L-akkuża</u> :**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in vista tas-suespost u taċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-imsemmi akkużat **Clayton Mc Kay** ħati talli fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) kif ukoll fix-xhur ta' qabel din id-data ġewwa dawn il-Gżejjer, kellu fil-pussess tiegħu d-droga *Kokajina* meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġa mit-tabib prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima sitta (VI) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura l-imsemmija droga, mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-Liġi Sussidjarja 101.02 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu l-imsemmija droga, dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tagħha skont riċetta kif provdut fl-imsemmija Regoli u b'dan ir-reat sar taħt tali ċirkostanzi **li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.**

Inoltre, l-Avukat Ġenerali jaddebita lill-akkużat **Clayton Mc Kay** bir-reċediva wara li permezz ta' numru ta' sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdulin huwa kien instab ħati ta' diversi reati. Dawn is-sentenzi huma:

*-Il-Pulizija (Spettur Kylie Borg) vs. Clayton McKay mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per l-Onorabbli Maġistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D. nhar l-4 ta' Novembru 2017;*

*-Il-Pulizija (Spettur Godwin Scerri) vs. Clayton McKay mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per l-Onorabbli Maġistrat Dr. Charmaine Galea LL.D. nhar is-17 ta' Novembru 2016;*

*-Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs. Clayton McKay mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per l-Onorabbli Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Francesco Depasquale LL.D. nhar it-28 ta' April 2015;*

*-Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs. Clayton McKay mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per l-Onorabbli Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Francesco Depasqaule LL.D. nhar it-28 ta' Ottubru 2014;*

**Il-piena mitluba** **:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Ligi kontra l-imsemmija akkużat **Clayton Mc Kay,** u li jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru kif ukoll piena tar-reklużjoni u multa ta' mhux inqas minn elfejn mija u tletin Euro (€2130) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti li servew sabiex isir id-delitt kif ukoll ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobli oħra tiegħu hekk misjub ħati skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10, 14, 20, 22(1)(a)(1B), 22(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(ċ)(d)(3B), 22(9), 22A, 24, 24A, 26 u 28 tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta' Malta u r-regola 9 tal-liġi sussidjarja 101.02 u fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 31(1)(a), 31(1)(b), 31(1)(ċ), 31(1)(d), 31(1)(e), 49, 50, 53 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-akkużat **Clayton Mc Kay**.

2. Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari ppreżentata mill-akkużat MC KAY nhar il-21 ta' Frar 2022 fejn huwa eċċepixxa s-segwenti:

    1. Illi l-proċedura kollha tal-kumpilazzjoni hija nulla, u dan peress illi kif jirriżulta minn l-atti proċesswali, is-sustanza tax-xhieda, filwaqt li suppost ittieħdet b'mezzi elettrono-manjetici hekk kif *del reasto* ordnat mill-Magistrat Dott.Doreen Clarke (A Fol 14 tal-process), u kif jipprovdi wkoll l-Att Dwar ir-Reġistrazzjoni Elettro-Manjetci ta' Proċedimenti, ix-xhieda kollha ġiet xorta reġistrata b'mezzi diġitali;
    2. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tordna l-isfilz tad-dokumenti konsistenti fi droga cocaina u herojina, u dan flimkien mal-isfilz tar-relazzjonijiet kollha relatati magħhom u dan stante li mhux biss ma ġiex segwit dak rikjest mill-Avviż Legali 121/2002 tal-Kap 9, (li jistipula illi a tenur tal-Artikolu 669 (2)

tal-Kap 9 ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, bl-approvazzjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali, innomina lid-Direttur tas-Saħħa sabiex iżomm f'ismu l-mediċinali perikoluzi meta dawn inżammu taħt il-kustodja tad-Direttur tal-Qrati), illi talli tali inosservanza tagħti lok **ukoll** ghal difett proċedurali serju dwar il-kontinwita' ta' evidenza li allura hija ukoll difettuża;

3. Illi *di piu,* minkejja illi jirriżulta illi x-xjenzat Gilbert Mercieca rritorna l-eżebiti l-Qorti, fis-seduta datata t-tlettax (13) ta' Novembru, 2019, ma hemm l-ebda rċevuta li tikkonferma li r-Reġistratur tal-Qrati irċieva dan l-eżebit, u għalhekk teżisti nuqqas ta' kontinwita ta' evidenza serja anke f'dik li hija kustodja.
4. Illi anke a rigward tal-mobile phones eżebiti in atti u analizzati minn l-espert Anthony Spiteri (Fol 137 et seq) li wieħed ġie mgħoddi lilu mingħand PC 1491 Kurt Attard u t-tlieta l-oħra mingħand l-Spettur Anthony Scerri, ma teżisti l-ebda rċevuta bħala evidenza ta' dawn it-tlett mobile phones mgħoddija lilu minn l-Spettur Anthony Scerri. Filfatt in atti teżisti biss rċevuta wahda tal-mobile phone Samsung mgħoddi lilu minn PC 1491 Kurt Attard u cioe Samsung GT-S 7392 kif jirriżulta minn Fol 245 tal-proċess;
5. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tordna l-isfilz ta' parti mid-dokument immarkat bħala Dok AS2, eżebiti in atti minn l-Ispettur Anthony Scerri A Fol 28 et seq tal-atti proċesswali, konsistenti f'sitt ritratti, u dan peress illi ma ttella l-ebda xhud li jikkonferma li ħa dawn l-istess ritratti. Illi filfatt l-unika xhud li jsemmi xi ritratti huwa s-Supretendent Keith Arnaud li pero fl-ebda ħin ma jikkonferma illi r-ritratti li huwa kellu fuq il-mobile tiegħu ħadhom hu u li huma l-istess bħal dawk eżebiti (Fol 41). Jerġa' jiġi ribadit illi dawk eżebiti in atti ma ġew ikkonfermati minn l-ebda xhud;
6. Illi l-operazzjoni kollha eżegwita mill-Pulizija, minn wara l-arrest tal-akkużat McKay hija nulla, u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti għandha tiskartaha u tordna l-isfilz ta' kull depozizjoni li tagħmel referenza għaliha b'mod dirett jew indirett u dan stante illi jirrizulta car illi l-akkuzat ma ingħatax id-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiduċja tiegħu mal-mument tal-arrest tiegħu, u dan kif jirrizulta ċar anke mid-depozizzjoni tas-Superetendent Keith Arnaud A Fol 41 et seq tal-atti proċesswali, li filwaqt li jixhed li spjega lil akkużat li jinsab arrestat u għaliex arrestah u tah kopja tal-mandat, mkien ma jsemmi li dak il-ħin stess tah id-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiduċja tiegħu;

7. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tordna illi ma ssir l-ebda referenza għal dak mistqarr minn l-akkuzat gewwa l-garaxx tal-pulizija waqt li kienet qed tintiżen id-droga, u dan peress illi minn l-atti proċesswali, senjatament id-depozizzjoni tal-Spettur Anthony Scerri, minn imkien ma jirriżulta la li l-akkużat ingħata d-debita twissija, u anqas d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiduċja tiegħu;
8. Illi x-xhieda l-Spettur Justine Grech, Spettur Mark Mercieca, u s-Super Frank A. Tabone, indikata bhala xhieda minn l-Avukat Ġenerali qatt ma xehdu fil-kumpilazzjoni u għalhekk mhux xhieda ammissibli f'dan l-istadju;
9. Illi l-istess jingħad ghal Spettur Omar Cauchi, wkoll indikat minn l-Avukat Generali fil-lista tax-xhieda, li *come di fatti* la ddepona u lanqas jissemma f'dawn il-proċeduri, u għalhekk x'aktarx li ġie erronjament indikat;

3. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet relattivament għal dawn l-eċċezzjonijiet preliminari;

**Ikkunsidrat**

4. Għal dak li jirrigwarda **l-ewwel eċċezzjoni** l-akkużat qiegħed jippretendi li l-atti tal-kumpilazzjoni jiġu dikjarati nulli u dan peress li kif jirriżulta mill-atti proċesswali, is-sustanza tax-xhieda suppost ittieħdet b'mezzi elettromanjetiċi hekk kif jipprovdi l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni Elettro-Manjetika ta' Proċedimenti, iżda x-xhieda kollha ġiet reġistrata b'mezzi diġitali.

5. L-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 284 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid:

> Minkejja kull disposizzjoni f'xi liġi oħra, kull qorti **tista'**[1] tordna li l-proċedimenti tagħha jew xi parti minnhom jiġu reġistrati b'mezzi elettro-manjetiċi.

6. Minn dan jirriżulta li huwa fakultattiv fuq il-Qorti, fi stadju ta' kumpilazzjoni, li tordna li l-proċedimenti jew parti minnhom jiġu reġistrati bl-użu ta' mezzi elettro-manjetiċi. Il-Liġi tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti kif ix-xiehda tax-xhieda tiġi reġistrata. Tista' tuża mezzi elettromanjetiċi, daqskemm tista' tuża mezzi oħra li l-

[1] Enfasi ta' din il-Qorti.

Qorti jidhrilha xierqa u idoneji li jiġu użati għal dak l-għan. Dan huwa wkoll rifless fl-artikolu 390(6) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid:

> (6) Il-qorti **tista'**,[2] wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, *ex officio*, tordna li t-tweġibiet mogħtija mix-xhud, jew is-sustanza tagħhom, jittieħdu bl-istenografija minn stenografi maħturin għal hekk jew jiġu reġistrati b'mezzi elettromanjetiċi. In-noti tal-istenografat għandhom jittieħdu b'linka li ma titħassarx u jkunu iffirmati fuq kull paġna mill-istenografi u flimkien mat-traskrizzjoni għandhom, fl-oriġinal, jidħlu fl-atti tal-kawża. Ir-reġistrazzjoni elettromanjetika għandha tiġi traskritta taħt id-direzzjoni tar-reġistratur u t-traskrizzjoni għandha tidħol fl-atti tal-kawża. F'kull każ, it-traskrizzjoni tista' tkun miktuba bl-idejn jew bit-typewriter u għandha tinqara lix-xhud, matul is-seduta jew wara, mir-reġistratur li għandu jniżżel nota ta' dak il-qari fit-tarf tat-traskrizzjoni.

7. Anke hawn hija diskrezzjonarja fuq il-Qorti li tara x'mezzi tuża biex tassigura li t-tweġibiet tax-xiehda jew is-sustanza tagħhom jiġu ridotti f'kitba. Il-Qorti **<u>tista'</u>** anke ex officio tordna li x-xiehda tittieħed bil-mezz ta' stenografi jew b'mezzi elettromanjetiċi skont dan is-sub-artikolu u d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 284 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Minn dan jitnislu żewġ punti:
   (a) il-Qorti mhix marbuta li tuża biss dawk il-mezzi u
   (b) il-Liġi ma tippreskrivi ebda sanzjoni f'każ li l-Qorti ma tirrikorrix għal dawn il-mezzi jew jekk tagħżel li tirrikorri għal dawn il-mezzi tispiċċa tagħżel li tadotta mezzi oħra.

9. Kif tgħid sewwa d-Difiża, illum hemm mezzi oħra li l-Qrati qegħdin jużaw, in primis mezzi elettroniċi li, mal-ewwel daqqa t'għajn ma humiex dawk indikati fil-Kapitolu 284 tal-Liġijiet ta' Malta jew l-artikoli 390(6) tal-Kodiċi Kriminali. Iżda kif intqal iżjed il-fuq, l-għażla tal-mezzi li tista tirrikorri għalihom il-Qorti biex tirreġistra xiehda u tittraskrivi tali xiehda reġistrata, mhix marbuta biss ma dawk l-għażliet li ssemmi l-Liġi, ġaladarba il-Qorti tista' tirrikorri għal xi wieħed minn dawk il-mezzi. L-għażla tal-mezzi elettroniċi għar-reġistrazzjoni u traskrizzjoni u l-eventwali stampar jew skennjar ta' xiehda u dokumenti, hija l-għażla leġittima li l-Qorti tista' tirrikorri għaliha mingħajr pero ma tkun qegħda tikser dak dispost mill-artikolu 390 tal-Kodiċi Kriminali jew id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 284 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda minkejja dan, il-Qorti tista' xorta tirrikorri għal mezzi ta' reġistrazzjoni u traskrizzjoni oħra – anke dawk li ma humiex imsemmija espressament fil-Liġi – dment li jwaslu għall-istess riżultat stante li l-għażla tal-istenografi

[2] Idem.

jew typewriter jew bl-idejn jew b'mezzi elettromanjetiċi hija sempliċi għażla mogħtija lil Qorti minn fost opzjonijiet disponibbli minn żmien għal żmien. Ir-raġuni hi li l-Leġislatur ħalla l-bieb miftuh għal mezzi li jkunu eżistenti fil-preżent, iżda wkoll għal dawk li jkunu disponibbli fil-ġejjieni grazzi għall-iżviluppi teknoloġiċi. L-importanti għall-Leġislatur huwa li l-Qorti żżomm rendikont reġistrat u traskritt tax-xiehda tax-xhieda b'mod li jkun fidil, korrett u preċiż.

10. Apparti minn hekk ġaladarba s-setgħa msemmija mill-artikolu 390 tal-Kodiċi Kriminali jew id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 284 tal-Liġijiet ta' Malta hi setgħa fakultattiva, in-nuqqas li l-Qorti teżerċita dik is-setgħa, ma ġġibx il-konsegwenza tan-nullita tal-kumpilazzjoni jew dik il-parti tax-xhieda li ma ġietx reġistrata bl-użu ta' tali mezzi u dan kif qiegħed jippretendi l-akkużat f'dan l-istadju.

11. Dan huwa wkoll in linja ma' dak li stqarret ukoll il-Qorti Kriminali fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Degiorgio**, deċiża nhar it-30 ta' Ottubru 2020 fejn intqal is-segwenti:

> Minkejja kull disposizzjoni f'xi liġi oħra, kull qorti tista' tordna li l-proċedimenti tagħha jew xi parti minnhom jiġu reġistrati b'mezzi elettro-manjetiċi."
>
> <u>Dan ifisser illi l-Qorti **ma hijiex marbuta** illi taghmel registrazzjoni tal-procediment li jkun qed isir quddiemha u li sussegwentement dawn jigu traskritti u ghalhekk tista' tirregistra kull haga li jsir matul l-udjenza bil-miktub, kif fil-fatt sehh f'dan il-kaz..</u>

12. Minbarra dan, il-Liġi ma tippreskrivix il-piena tan-nullita tal-atti kumpilatorji fil-każ li l-Qorti tal-Maġistrati ma timxix mal-artikolu 390(6) tal-Kodiċi Kriminali jew tal-Kapitolu 284 tal-Liġijiet ta' Malta. L-anqas ma tipprovdi għal xi konsegwenza partikolari fil-każ li l-Qorti tal-Maġistrati ma tirrikorrix għal dawn il-mezzi jew jekk tagħżel li tirrikorri għal dawn il-mezzi tispiċċa tagħżel li tadotta mezzi oħra biex bihom tirreġistra u tittraskrivi x-xiehda. L-anqas ma din il-Qorti tqis li għandha tikkommina nullita fl-atti kompilatorji fil-każ fejn dik il-Qorti tkun effettivament eżerċitat id-diskrezzjoni li tirreġistra u tittraskrivi bil-mezz imsemmi fil-Kapitolu 284 tal-Liġijiet ta' Malta iżda li mbagħad wara tirrikorri għal mezzi differenti minn dawk previsti u dan peress li f'dan il-każ, ir-riżultat milħuq mill-Qorti tal-Maġistrati, għalkemm b'mezzi differenti minn dawk previsti mill-Liġi u għall-bidu magħżula mill-Qorti, xorta waħda produċew ir-riżultat li trid il-Liġi.

Wara kollox l-anqas hemm Liġi li tipprojbixxi lill-Qorti li, wara li tkun għażlet il-mezz għar-reġistrazzjoni u traskrizzjoni tax-xiehda wara tbiddel dak il-mezz magħżul minnha għall-fini tar-reġistrazzjoni u traskrizzjoni tax-xiehda.

13. Għaldaqstant filwaqt li din il-Qorti taqbel mad-Difiża li l-Leġislatur imissu li jkun iżjed attent u viġilanti b'mod attiv u proattiv f'dak li jirrigwarda t-tibdiliet li jkunu jeħtieġu li jsiru lill-Kodiċi Kriminali u liġijiet oħra ta' indoli proċedurali minn żmien għal żmien biex dejjem tiġi assikurata iżjed kjarezza u preċiżjoni fit-twettieq tal-obbligi ġudizzjarji tal-Qrati, mill-banda l-oħra ma taqbilx mad-Difiża li n-nuqqas lamentat minnha fl-ewwel eċċezzjoni għandu jwassal għan-nullita' tal-atti tal-kumpilazzjoni. Lanqas ma jista' jingħad li dan ikun jammonta għal xi difett proċedurali minn dawk li l-Liġi tikkontempla fl-Artikolu 597(4) tal-Kodiċi Kriminali bħala li għandu jwassal ukoll għan-nullita' tal-att tal-akkuża.

**Din il-Qorti qiegħda għalhekk tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari.**

**Ikkunsidrat**

14. Illi għal dak li jirrigwarda **t-tieni eċċezzjoni preliminari**, l-akkużat qiegħed hawnhekk jitlob l-isfilz tad-dokumenti konsistenti fid-droga kokajina u d-droga erojina u dan flimkien mar-relazzjonijiet kollha relatati magħhom u dan minħabba li mhux biss ma ġiex osservat dak rikjest mill-Avviż Legali 121/2002 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (li jistipula fl-Artikolu 669(2) li r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, bl-approvazzjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali, għandu jinnomina lid-Direttur tas-Saħħa sabiex iżomm f'ismu l-mediċini perikolużi meta dawn jinżammu taħt il-kustodja tad-Direttur tal-Qrati) iżda wkoll għaliex tali inosservanza tagħti lok għal difett proċedurali serju dwar il-kontinwita' tal-evidenza li allura hija wkoll difettuża.

15. L-Artikoli 667, 668 u 669 tal-Kodiċi Kriminali jirregolaw fost oħrajn, il-ħażna, ippreservar u kustodja ta' dawk l-oġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri kriminali. Il-Liġi trid li jkun ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali li jkun responsabbli għalihom. Dawn

l-oġġetti għandhom jinżammu mir-Reġistratur sa tmiem il-proċeduri inklużi l-proċeduri tal-appell.

16. Hekk ukoll li f'każijiet relatati ma' mediċini perikolużi u psikotropiċi, mal-konklużjoni tal-proċeduri, għandu jkun ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali li jassisti għad-distruzzjoni tad-droga wara li jkun hekk ġie ordnat mill-Qorti li tkun tat is-sentenza u jrid ukoll jirrediġi process-verbal li jikkomenta dan il-proċess ta' distruzzjoni liema dokument imbagħad irid jiġi nserit fl-atti tal-kawża li tkun.

17. Fl-Artikolu 669(1) tal-Kodiċi Kriminali r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali għandu l-obbligu li jiżgura kif l-esebiti kollha mgħoddija lilu, jiġu maħżuna f'post sigur. Il-Liġi ma tagħtix definizzjoni ta' x'jammonta għal 'post sigur' iżda din id-deċiżjoni tħallieha f'idejn ir-Reġistrat tal-Qrati Kriminali.

18. Fil-31 ta' Mejju tas-2002, bis-saħħa tal-Artikolu 669(2) tal-Kodiċi Kriminali, ir-Reġistratur tal-Qrati u bl-approvazzjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali, innomina diversi persuni biex f'ismu jieħdu ħsieb li jaħżnu l-imsemmija oġġetti. Fosthom, jirriżulta li għal dak li jirrigwarda l-mediċini perikolużi, ir-Reġistratur innomina lid-Direttur tas-Saħħa.

19. F'dan il-każ ma jirriżultax li l-qabda tad-droga mertu ta' dawn il-proċeduri kienet maħżuna mid-Direttur tas-Saħħa skont dak li jippreskrivi l-Avviż Legali 121 tas-sena 2002, bl-indikazzjoni tkun li, r-Reġistratur tal-Qrati għażel li din il-qabda droga tibqa' maħżuna fil-post adatt għal dan fil-binja tal-Qrati.

20. L-artikolu 669(2) tal-Kodiċi Kriminali jagħti s-setgħa diskrezzjonali lir-Reġistratur sabiex, bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, jaħtar lil persuni oħra biex iżommu dawk l-oġġett jew klassijiet ta' oġġetti f'ismu taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru jista' jqis li jkun sew, dment li l-ismijiet ta' dawk il-persuni jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern. Kif intqal jirriżulta li l-2002 sar l-Avviż Legali 121 li permezz tiegħu, il-Leġislatur ta' dak iż-żmien għamar li, fost affarijiet oħra, l-Mediċi Perikolużi kellhom jiġu miżmuma f'isem ir-Reġistratur mid-Direttur tas-Saħħa li kien obbligat li jżommhom f'post sikur.

21. Jidher li l-intenzjoni tal-Leġislatur wara dan l-Avviż Legali kien li l-pussess materjali tal-oġġetti jgħaddi minn idejn ir-Reġistratur għal

idejn il-persuna nominata fl-Avviż Legali, fil-każ in disamina allura f'idejn id-Direttur tas-Saħħa. Iżda b'dan ir-Reġistratur xorta waħda kien dak li jibqa' fil-kontroll tal-istess oġġetti in kwantu l-istess Avviż Legali, fir-regolament 3 għamar li dawk l-oġġetti miżmuma mill-persuna nominata ma għandhomx jintużaw jew jingħataw lil xi persuna ħlief kif jiġi ordnat mir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali. Dan juri għalhekk li l-pussess kostruttiv ta' dawk l-eżebiti jibqa' vestit fir-Reġistratur.

22. Il-kwistjoni li tqum f'dan il-każ titnissel minħabba l-mod kif l-Avviż Legali ġie miktub u kif dan għandu jiġi moqri mad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali. L-Avviż Legali mhux miktub b'mod li jindika li r-Reġistratur kien qiegħed jagħti xi delega preventiva u ġenerali lil dawk il-persuni. Meta l-Avviż Legali jgħid li l-"persuni li ġejjin għandhom iżommu, f'isem ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, l-proprjetà msemmija biswit isimhom" din hija delega ta' natura ġenerali b'mod li allura r-Reġistratur ladarba jkun issuġġerixxa lil dik l-awtorita biex iżżomm dawk l-eżebiti ma jkunx jista' iżjed iżomm l-eżebiti hu stess f'kull każ jew inkella r-Reġistratur xorta waħda, minkejja tali delega jkun jista', f'każijiet partikolari, jekk irid, jibqa' jżomm tali eżebiti fil-konfini tal-ispazji amministrati minnu?

23. L-Avviż Legali 121 tal-2002 irid jiġi moqri fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw din il-materja. Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Tiberiu- Mihail Miculescu,**[3] fejn tqajmet l-istess kwistjoni, il-Qorti Kriminali[4] qieset li din kienet kwisjtoni ta' interpretazzjoni tat-test tal-Leġislazzjoni Sussidjarja fid-dawl ta' dak li tippreskrivi l-Leġislazzjoni Prinċipali. Il-Qorti riedet tislet x'kienet l-intenzjoni tal-Leġislatur fil-promulgazzjoni ta' regolamenti. Intqal is-segwenti:

> With regards to the interpretation of laws Professor Sir Anthony Mamo sets out the basic principle that:
>
> The law is the will of the legislature and the most fundamental rule of interpretation, to which all others are subordinate, is that a statute is to be expounded according to the intent of them that made it.
>
> This basic principle has been consistently applied by our Courts. In the judgement given by the Court of Civil Appeal on the 15th December 1945 in the case

---

[3] Deċiża nhar id-29 ta' Settembru 2022

[4] għamlet referenza għal digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati fil-proċeduri **The Police vs. Iosif Galambos** fejn hemmhekk ukoll qam dan il-punt tad-dritt.

Emanuele Bonello et vs Edmund Percy Larchin it was held that the Court must not simply apply the law but it must, regard being had to the special circumstances of any given case, see what the intention of the legislator must have been in those specific circumstances, and that it must apply and interpret any given provision of law in way that would reconcile it with other provisions of the law.

Il-gudikant ghandu jiddeciedi l-kazijiet skond il-ligi u skond ilfattezzi specjali taghhom … Id-dover tal-gudikant huwa mhux sempliciment dak li japplika l-ligi imma anki li jara minhabba c-cirkostanzi specjali tal-kaz, x' inhija l-probabbli intenzjoni tal-legislatur f' dawk ic-cirkostanzi u li japplika l-ligi u jinterpreta b' mod li jista' jikkonciljaha mal-ligijiet l-ohra biex l-applikazzjoni taghha ma tigix ingusta.

Similarly, in a more recent judgement given in the case George Edward Spiteri vs Marsaxlokk Football Club et, the First Hall of the Civil Court, after referring to prevalent jurisprudence regarding interpretation of laws, held that:

billi hija regola ta' interpretazzjoni li ebda liġi ma għandha titqies kontradittorja fiha nnifsiha, meta jkun hemm dubju fuq hekk, huwa kompitu tal-ġudikant li jindaga u jinterpreta s-sens skont l-intenzjoni tal-leġiżlatur u b'quddiem għajnejh ir-raġunijiet li ġiegħlu lill-leġiżlatur jiddetta l-liġi. Il-ġudikant għalhekk għandu jirrikorri għall-mens legis biex jagħti dik l-interpretazzjoni li tikkorrispondi għall-ispirtu informatur tal-liġi.

In a much more recent judgement given by the Court of Magistrates on the 1st October 2021, and with specific reference to the interpretation of subsidiary legalisation, it was held that this may never conflict with the enabling legislation.

Issa hu principju ben assodat fil-kazistika tal-Qrati taghna li ligi sussidjarja ma tistax tkun konfliggenti mal-ligi principali24. Fis-sentenza Il-Pulizija vs George Pace deciza fil-15 ta' Mejju 1937, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet hekk:

"Huwa elementari illi r-regolament mahrug mill-poter ezekuttiv bis-sahha tal-ligi li awtorizzat li jaghmel dak irregolament ma jistax johrog barra mil-limiti tal-istess ligi, u ma jistax jikkontradici ghal-ligi stess, tant illi lill-Qorti gie dejjem rikonoxxut il-jedd li jezaminaw jekk regolament mahrug bis-sahha ta' ligi hix "intra" jew "ultra vires."

24. L-intenzjoni tal-Leġislatur kienet li meta l-kustodja materjali ta' dawn l-oġġetti tiġi fdata mir-Reġistratur lil persuni oħra, dan isir bl-approvazzjoni tal-Ministru. Fil-fatt l-artikolu 669 tal-Kodiċi Kriminali li taħtu sar allura l-Avviż Legali 122 tal-2002 jgħid li huwa d-dmir tar-Reġistratur li għandu jiżgura li l-oġġetti kollha lilu kkunsinnati għandhom jiġu katalogati, maħżuna u preservati sew kif ukoll miżmuma f'post sigur li jiġi stabbilit mir-reġistratur. Dan huwa dmir inderogabbli tar-Reġistratur u ħadd iżjed. Issa fil-qadi ta' dan id-dover inderogabbli tiegħu, ir-Reġistratur ingħata s-setgħa li jaħtar lil persuni oħra biex iżommu dawk l-oġġetti jew klassijiet ta' oġġetti f'ismu taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru jista' jqis li jkun sew iżda l-ismijiet ta' dawk il-persuni għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta. Bis-saħħa tal-Avviż Legali 122 tal-2002 (għalkemm mhux mija fil-mija ċar mit-test tal-Avviż Legali, wieħed jiddeżumi li)

ir-Reġistratur għamel din il-ħatra – u fil-fatt dawn il-persuni, ossija Uffiċjali Pubbliċi okkupanti karigi importanti u speċjalistiċi - bħal Kummissarju tal-Pulizija, Brigadier tal-Forzi Armati, Id-Direttur tal-Mużewijiet u Gvernatur tal-Bank Ċentrali – ġew speċifikament nominati f'dan l-Avviż Legali b'riferenza għal oġġetti speċifiċi li jindikaw li dawn ikollhom kemm *know-how* ikbar kif ukoll positijiet iżjed idoneji u siguri fejn tali oġġetti jiġu maħżuna f'isem ir-Reġistratur, minn dawk li setgħa kellu u għandu r-Reġistratur.

25. Id-Difiża targumenta li ġaladarba fl-2002 inħasset il-ħtieġa li jiġu nominati dawn id-diversi persuni biex, għan-nom tar-Reġistratur, iżommu l-proprjeta partikolari msemmija fir-regolament 2 tal-Avviż Legali 121 tal-2002, f'dan il-każ ukoll, il-mediċina perikoluża misjuba kellha tiġi miżmuma mill-persuna nominata, ossija d-Direttur tas-Saħħa. Dan jirriżulta li ma seħħx.

26. Il-kwistjoni legali allura hija jekk meta sar l-Avviż Legali, intiż kif kien li joffri għajnuna speċjalistika fil-kustodja tal-oġġetti eżebiti lir-Reġistratur, isegwix ukoll li r-Reġistratur bis-saħħa ta' dan l-Avviż Legali kienx b'dik il-ħatra ta' dawk il-persuni (li ġaladarba nominati bis-saħħa ta' Avviż Legali jindika li għandhom ukoll l-approvazzjoni tal-Ministru) ċeda b'mod ġenerali dak id-dover bażiku marbut mal-kustodja fiżika tal-oġġetti infushom f'kull każ li jkollu quddiemu b'mod li allura issa kull oġġett eżebit u li jkun meritu ta' dik id-delega jkun irid bilfors jiġi miżmum minn dak l-Uffiċjal Pubbliku hekk delegat u mhux iżjed mir-Reġistratur jew inkella jfissirx li anke jekk saret dik il-ħatra bis-saħħa ta' dak l-Avviż Legali jekk u meta r-Reġistratur jiddeċiedi li oġġett jew oġġetti partikolari jibqgħu jiġu kustoditi materjalment minnu hu ma jkunx bilfors marbut li jiddepożitah materjalment ma dak l-Uffiċjal Pubbliku speċifiku nominat fl-Avviż Legali.

27. Mit-test tal-Liġi nnifsu ma jirriżultax li r-Reġistratur ġie b'xi mod meħlus mill-obbligu tiegħu li jikkustodixxi l-oġġetti depożitati fil-Qorti. Il-Liġi prinċipali, ossija l-Kodiċi Kriminali xorta waħda baqa' jżomm dan l-oneru marbut mar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali. U bis-saħħa tal-Avviż Legali 121 tal-2002 ma jirriżulta minn imkien li ġiet stipulata xi konsegwenza legali jekk u meta r-Reġistratur, għal raġunijiet li jaf hu, jagħżel li ma jimxix mat-termini ta' dak l-Avviż Legali.

28. Bis-saħħa tal-Avviż Legali 122 tal-2002 il-Liġi kristallizzat il-ħatra mir-Reġistratur ta' dawk l-Uffiċjali Pubbliċi partikolari (u allura

approvati mill-Ministru grazzi għall-pubblikazzjoni tal-ismijiet tagħhom fil-gazzetta in kwantu trattasi ta' Avviż Legali) bħala dawk li għandhom ikollhom il-kustodja fiżika tal-oġġetti jekk u meta r-Reġistratur jagħżel li ma jżommx l-oġġetti hu stess iżda li, għal xi raġuni jew oħra jqis li jkun jeħtieġ li dawn jiġu kustoditi minn xi ħadd minn dawn l-Uffiċjali Pubbliċi grazzji għall-ispeċjalizzazzjoni tagħhom.

29. Dan qiegħed jingħad in kwantu l-Liġi Principali, l-artikolu 669(2) tal-Kodiċi Kriminali jagħti s-setgħa lir-Reġistratur bl-approvazzjoni tal-Ministru, li **<u>jaħtar</u>** lil dawk il-persuni l-oħra biex iżommu dawk l-oġġetti. iżda fl-istess waqt dik il-Liġi **<u>ma ħelsitux mill-obbligu prinċipali tal-kustodja</u>** tal-istess oġġetti li xorta waħda baqgħet mansjoni u dmir inderogabbli tiegħu. L-oneru tal-kustodja xorta waħda baqa' inkombenti fuq ir-Reġistratur, bid-differenza pero li issa, grazzi għall-ħatra approvata tal-Uffiċjali Pubbliċi nominati, jekk u meta r-Reġistratur jagħżel li għal xi raġuni jew oħra jkun jeħtieġ li oġġetti jiġu kustoditi materjalment f'post ieħor li ma jkunx il-Qorti, huwa issa marbut mhux li jirreferi bilfors, dejjem u f'kull każ l-oġġetti li jkunu ġew preżentati l-Qorti, iżda għandu s-setgħa li meta oġġetti jiġu eżebiti l-Qorti u huwa jqis li jeħtieġ, għal xi raġuni valida li dawk l-oġġetti jiġu miżmuma f'positijiet jew f'kundizzjonijiet partikolari u speċjalistiċi, huwa jkun jista' jirreferi dak l-oġġett lil dik il-persuna nominata fl-Avviż Legali bħala l-persuna maħtura minnu u debitament approvata mill-Ministru biex taqdi dik il-mansjoni f'isem ir-Reġistratur. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li r-Reġistratur irid bilfors, f'kull każ, jgħaddi dawk l-oġġetti lil dawn l-Uffiċjali Pubbliċi nominati.

30. B'hekk din il-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-akkużat fejn dan jargumenta li kien hemm proċedura difettuża ta' ħażna illeġġittima tad-droga, oġġett ta' prova f'dawn il-proċeduri, u lanqas ma hemm evidenza li ġiet kompromessa l-kontinwita' tal-evidenza.

**Fid-dawl ta' dak mistqarr, din it-tieni eċċezzjoni qiegħda tiġi wkoll miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

31. Illi fit-**tielet eċċezzjoni preliminari**, l-akkużat MC KAY jattaka l-kontinwita tal-evidenza peress li jgħid li għall-esebiti li l-espert

Gilbert Mercieca irritorna fis-seduta ta' nhar it-13 ta' Novembru 2019 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ma ġiet preżentata ebda riċevuta biex tkun ta' prova u konferma li r-Reġistratur tal-Qrati rċieva lura dan l-esebit. Dan, skont l-appellant ikun jammonta għall-nuqqas serju li jikkomprometti l-kontinwita' tal-evidenza anke f'dik li hija 'chain of custody'.

32. Il-prinċipju tal-ħarsien tal-integrita probatorja u proċesswali bit-tħaris taċ-*chain of custody* huwa fundamentali fil-kawżi kriminali. L-akkużat għandu jkollu garanzija tal-awtentiċita', integrita, u kontinwita tal-provi ppreżentati mill-Prosekuzzjoni. Għandu jkollu jedd għal garanzija ta kif tkun l-oriġini tagħhom, ta' xi movimenti li dawn setgħu għamlu u tal-mod kif dawn ġew ippreżervati mill-mument illi tali provi nstabu u/jew ġew ikkompilati sal-mument illi l-istess ġew ippreżentati bħala evidenza fil-proċeduri quddiem il-Qorti ta' Ġustizzja Kriminali.

33. Ma jrid jitħalla ebda dubju raġonevoli f'moħħ min irid jiġġudika l-fatt li dik l-evidenza dejjem kienet traċċjabbli u li ma sfet qatt mibdula, mbagħbsa, mittiefsa jew meqruda minn terzi; altrimenti l-integrita' ta' dik il-prova u tal-proċess penali jistgħu ikunu ġew serjament kompromessi. Ikun għalhekk isegwi illi l-Prosekuzzjoni jeħtieġilha tipprova li dik l-evidenza li ġiet rakkolta, proċessata u kkustodita kienet awtentika u miżmuma b'mod integru fil-franġent ta' bejn dawn l-istadji ta' ġbir u preżervazzjoni għal mument ta' meta l-istess tiġi prodotta biex tintuża' bħala evidenza fil-Qorti.

34. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Raymond Azzopardi** deċiż nhar it-3 ta' Diċembru 2019, ġiet ċitata s-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Fodie Keita** b'referenza għal prinċipju taċ-*chain of custody* fejn intqal:

> '17. Sejra taghmel dan kollu kemm ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, kif ukoll sabiex l-appellant ma jkunx imcahhad mill-jedd ghal smigh xieraq skont il-ligi. L-ghan ewlieni ta' kull qorti ta' gustizzja penali huwa li tara illi l-akkuzat ikollu smigh xieraq. Meta process penali jwassal ghal dikjarazzjoni ta' htija msejsa fuq evidenza kontaminata, il-jedd ghal smigh xieraq ikun qed jigi vjolat. Madanakollu sabiex il-Qorti tasal biex tistabilixxi l-validita' tal-prova kostitwita b`dik l-evidenza jrid isir ezami tal-iter segwiet mill-mument illi dik il-prova ndizzjarja titfacca fil-kors tal-investigazzjoni tal-pulizija, kif u minn min tkun giet elevata, kif tkun giet ippreservata u sussegwentement min ghamel l-ezamijiet forensici fuqha u b'liema mod, sabiex fl-ahhar issib postha quddiem il-Qorti.
>
> 18. Dan ghaliex:

> Wherever he steps, whatever he touches, whatever he leaves, even unconsciously, will serve as silent evidence against him. Not only his fingerprints or his footprints, but his hair, the fibres from his clothes, the glass he breaks, the tool mark he leaves, the paint he scratches, the blood or semen he deposits or collects - all these and more bear mute witness against him. This is evidence that does not forget. It is not confused by the excitement of the moment. It is not absent because human witnesses are. It is factual evidence. Physical evidence cannot be wrong; it cannot perjure itself; it cannot be wholly absent. Only its interpretation can err. Only human failure to find it, study and understand it, can diminish its value. (Kirk, Paul, Crime investigation, John Wiley & Sons Canada, Limited, 1953). However, the value of even the most carefully recovered and preserved evidence can be lost if the chain-of-custody is not properly maintained. **"Chain-of-custody" is often recognized as the weak link in criminal investigations. It refers to the chronological and careful documentation of evidence to establish its connection to an alleged crime. From the beginning to the end of the forensic process, it is crucial to be able to demonstrate every single step undertaken to ensure "traceability" and "continuity" of the evidence from the crime scene to the courtroom.**[5]

35. Fuq livell internazzjonali wieħed isib ukoll pronunzjamenti oħra, bħal dawk tal-Qorti Suprema Amerikana fejn fis-sentenza **Hawkins v. State of Arkansas** għamlet referenza għal sentenza oħra **Guydon v. State** li hija meqjusa bħala 'landmark case' fuq materja ta' ammissibilita' ta' evidenza. In fatti, evidenza tkun ritenuta ammissibbli **<u>biss</u>** jekk din l-evidenza tkun awtentika u ma jirriżultax li qatt ġiet mittiefsa jew mibdula b'xi mod u dan in linja mal-prinċipju tac-'chain of custody'. L-istess intqal fil-każijiet **Chatmon v. State**, **Garner v. State** u **Davis v. State**[6], fost oħrajn. Imbagħad, issir referenza wkoll għas-sentenzi **State v. Thomas**, **State v. Olsen**, **State v. Burtchett** u **Mallillin v. People**[7] fejn ukoll il-prinċipju regolatur għal dak li għandu x'jaqsam mal-ammissibilita' tal-evidenza, kien enunċjat bħala bbażat fuq il-prova li dik l-evidenza utilizzata mill-Prosekuzzjoni ma ġiet qatt mibdula. Intqal ukoll kif l-ammissibilita' ta' din l-evidenza fil-Qorti teħtieġ eżerċizzju ta' apprezzament ta' fatturi bħalma huma 'the nature of the article, the circumstances surrounding the preservation and custody of it, and the likelihood of intermeddlers tampering with it'.[8] Fir-rigward tat-traċċjabilita' tal-evidenza, f'**Barron v. Valdmanis**[9] intqal hekk**:**

> In criminal prosecution where it is necessary to establish that material found in the accused's possession is identical with material subsequently analysed, there are, as was pointed out by Brereton J Young v Commissioner for Railways (1962) NSWR 647 at 651, two ways of doing

---

[5] Enfasi ta' din il-Qorti.
[6] <u>Citing Guydon v. State, 344 Ark. 251 | Casetext</u> aċċess: 20/10/22
[7] Hekk kif iċċitati mill-appellant f'paġna 7 tar-rikors ta' appell tiegħu.
[8] State vs. Thomas, 32 St. Rep. 229, 532 P.2d. 405 (1975)
[9] US Supreme Court, Mejju 1978.

so. **The first is to trace it from hand to hand and to this end it is usually necessary to call every person who had it in custody from the point of origin to the end of its journey**.[10] The second method is to identify that which was found in the possession of a person charged by its physical characteristics with that which was analysed; per Justice Meares.

36. L-istess intqal f'**People v. Beran**[11] fejn il-prinċipju tac-'chain of custody' ġie enunċjat bħala marbut man-neċessita' li tiġi assigurata l-integrita' u l-valur probatorju tal-evidenza miġjuba u ntqal kif dan iseħħ biss jekk:

> To be admissible, the prosecution must establish by records or testimony **the continuous whereabouts of the exhibit**[12], from the time it came into the possession of the police officers, until it was tested in the laboratory to determine its composition, and all the way to the time it was offered in evidence.

37. U minħabba l-importanza li tiġi stabbilita' t-traċċjabilita' tal-evidenza, huwa neċessarju li, kull min b'xi mod kien involut fit-teħid u l-kustodja tagħha, jiġi mitlub biex jixhed dwar l-involviment tiegħu kif intqal. Hekk biss l-akkużat jista' jkollu kontroll totali fuq l-integrita' ta' dik l-evidenza. Dan kien mistqarr fid-deċiżjoni **People v. Connelly**[13] fejn intqal is-segwenti b'referenza għar regola tac-'chain of custody':

> When the evidence itself is not patently identifiable of is capable of being replaced or altered, admissibility generally requires that **all those who have handled the item 'identify it and testify to its custody and unchanged condition.**

38. Gilbert Mercieca xehed f'dawn il-proċeduri bħala espert kimiku li maħtur mill-ġja Maġistrat Inkwirenti Dr. Audrey Demicoli b'digriet datat 22 ta' Frar 2019. Ir-relazzjoni tiegħu hija esebita f'paġna 253 tal-atti. F'paġna 255 tal-atti jirriżulta li dan ix-xhud ġie mogħti mill-Ispettur Uffiċjal Prosekutur Anthony Scerri s-segwenti kampjuni sabiex jiġu analizzati:

i) 106.1 Evidence bag bin-numru tas-siġill P04436781 li kien fih oġġetti elevati minn ġewwa Farmhouse, ġewwa Wied iċ-Cawsli f'Ħal Qormi;
ii) 106.2 Evidence bag bin-numru tas-siġill P04436782 li kien fiha oġġetti u sustanzi elevati minn ġewwa l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CCB- 329;

[10] Enfasi ta' din il-Qorti.
[11] G.R. No. 203028, January 15, 2014.
[12] Enfasi ta' din il-Qorti.
[13] 35 N.Y.2d 171, 174, 316, N.E.2d 706, 708, 359, N.Y.S.2d, 266, 269 1974.

iii) 106.3 Evidence bag bin-numru tas-siġill XL00123761 li kien fiha 5 evidence bags (S01491009, L00159756, S01491008 U MI13904925) oġġetti u sustanzi elevati minn ġewwa Garaxx Nr. 5 Triq Armal Qormi.

39. Skont ma jirriżulta mill-verbal tas-seduta ta' nhar it-13 ta' Novembru 2019 l-espert Mercieca ppreżenta r-riżultanzi tal-analiżi minnu magħmula u, huwa rritorna esebiti mmarkati bħala DA 106.02, 19ALE 202, 19ALE 203 u 19ALE 205. Dawn l-esebiti jikkonsistu fis-segwenti:

i) Dok DA 106.2 meħud minn Esebit P04436782 konsistenti f'żewġ boroż tal-plastik li kien fihom trab abjad (106.2A1) u f'borża b'materjal ta' lewn abjad (106.2A2) b'piż ta' 4.892, 3.703 u 1.690g rispettivament;
ii) 19 ALE 202 meħud minn Esebit S01491009 li kien fih borża tal-plastik kontenenti trab abjad b'piż ta' 143.40g;
iii) 19 ALE 203 meħud minn Esebit L00159755 li kien fih pouch ta' lewn iswed kontenenti kontenitur iswed li ġo fih kien hemm borża ta' lewn abjad b'piż ta' 87.00g u kontenitur tal-plastik li kien fih borża b'trab ta' lewn kannella (piż ta' 153.43g) u 2 boroż tal-plastik li kien fihom trab abjad b'piż ta' 46.53 u 20.34g;
iv) 19 ALE 205 meħud minn Esebit S01491008 li kien fiha borża tal-plastik kontenenti trab abjad b'piż ta' 26.50g.

40. Fl-aħħar paġna tar-rapport tiegħu l-espert Mercieca jindika kif is-sustanzi kollha li ġew elevati u analizzati minnu kienu qiegħdin jiġu preżentati flimkien mar-relazzjoni li saret b'rabta mal-analiżi tal-istess. Huwa indika li l-ippakkjar u l-oġġett kollha deskritti f'tabella 1.2 tar-rappport tiegħu ġew mgħoddija lill-esperta seroloġista Dr. Marisa Cassar għall-analiżi tad-DNA. Fil-fatt f'paġna numru wieħed tabr-relazzjoni ta' Dr. Marisa Cassar wieħed isib li din ikkonfermat li l-kampjuni minnha analizzati kienu ġew mgħoddija lilha mill-espert Gilbert Mercieca.

41. Fl-atti kumpilatorji hemm evidenza li tindika b'mod ċar it-traċċjabilita' ta' dik l-evidenza li l-espert Mercieca analizza u irritorna lil Qorti fis-seduta ta' nhar it-13 ta' Novembru 2019. Jirriżulta l-iter li l-istess evidenza għamlet mill-mument illi din ġiet elevata mill-Pulizija Investigattiva sal-mument illi ġiet analizzata mid-diversi esperti maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti. Minn din l-evidenza, huwa possibbli li jiġi traċċat kemm '*the continuous whereabouts of the evidence*' daqskemm '*how it travelled from hand to hand*'. Kienu l-esperti stess li traċċaw id-'*displacement'* ta' din l-evidenza minn espert għall-ieħor permezz ta' dak illi xehdu

fl-atti tal-kumpilazzjoni kif ukoll mir-relazzjonijiet tagħhom. L-espert Gilbert Mercieca jgħid kif huwa ġie mgħoddi l-evidenza mingħand l-Ispettur Anthony Mercieca u kif minn naħa tiegħu sussegwentement għaddieha lil Dr. Marisa Cassar għall-analiżi tagħha. Imbagħad Dr. Cassar ikkonfermat li hija rċeviet din l-evidenza mingħand l-espert Mercieca. Imbagħad f'paġna 251 l-espert Mercieca jgħid kif kien qiegħed jirritorna l-esebiti minnu msemmija.

42. Huwa minnu li ma hemm ebda dokument maħruġ mir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali li jindika li huwa rċieva dawn l-eżebiti li l-espert Mercieca jgħid li rritorna lil Qorti fir-relazzjoni tiegħu. Iżda din l-istqarrija l-anqas ma hija preċiża in kwantu minn qari tax-xiehda tal-espert Mercieca a fol 251 huwa jgħid:

> Emm mela jiena elevajt is-sustanzi kollha u qed nipreżentahom illum filwaqt li l-oġġetti u l-ippakkjar kollu ġew mgħoddija lil Dr. Marisa Cassar sabiex tagħmel l-analiżi tad-DNA.

43. Fis wara din l-istqarrija sar il-verbal mill-Qorti li jidher a fol 249 mnejn jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) stess ivverbalizzat li apparti li Gilbert Mercieca xehed bil-ġurament huwa esebixxa:

> Rapport – Dok GM 1; u Envelope b'referenza DA106.02, 19ALE 202, 19ALE 203 u 19ALE 205 kontenenti evidence bags b'sustanza fihom li dettalji taghha qeghdin indikati fir-rapport anness

44. Issa bid-dovut rigward, dan il-verbal fih innifsu hija forma ta' riċevuta tal-oġġetti li r-Reġistratur irċieva mingħand dan ix-xhud.

45. Iżda indipendentement minn dan kollu, l-evidenza li ġiet miġbura f'dan il-każ fil-fażi kumpilatorja għad trid tiġi prodotta matul il-kors tal-ġuri quddiem il-ġurati. Fl-aħħar mill-aħħar sejrin ikunu l-ġurati li jiddeċiedu fuq il-valur probatorju ta' dik l-evidenza li l-akkużat qiegħed jattakka ċ-*chain of custody* tagħha. Ikun intempestiv f'dan l-istadju li din l-evidenza tiġi skartata fuq il-bażi ta' dak mistqarr mid-Difiża meta fil-fatt l-esperti in kwistjoni għad iridu jixhdu fl-istadju tal-ġuri biex jesponu l-evidenza minnhom riċevuta u analizzata lill-ġurija, li tkun tista' tagħmel l-analiżi tagħha dwar l-aspetti fattwali dwar jekk dik l-evidenza li fuqha qed tistrieħ il-Prosekuzzjoni effettivament segwietx l-iter ġudizzjarju meħtieġ biex jiġi assigurat li l-integrita, awtentiċita u kontinwita ta' ebda biċċa evidenza ma tkun ġiet mittiefsa.

**Għaldaqstant, din it-tielet eċċezzjoni preliminari qiegħda tiġi miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

46. **Fir-raba' eċċezzjoni preliminari** l-akkużat jilmenta kif ma teżisti l-ebda riċevuta fl-atti kumpilatorji bħala evidenza li t-tlett mobile phones li kien irċieva l-espert Anthony Spiteri kienu fil-fatt ġew konsenjati lilu għajr ħlief għal riċevuta waħda fir-rigward tal-mobile phone Samsung GT-S 7392 li ġie mgħoddi lilu minn PC 1491 Kurt Attard u dan skont ma jirriżulta minn foljo 245 tal-atti.

47. L-espert Anthony Spiteri kien ġie mqabbad bħala espert fl-istadju tal-inkjesta maġisterjali. Iżda huwa xehed fil-fażi tal-kompilazzjoni mnejn jirriżulta li f'paġna 137 jgħid li huwa kien ġie mgħoddi erba' mobile phones. Wieħed mill-mobile phones kien ġie mogħti lilu mill-Pulizija tal-Forensika f'Mejju (2019) mentri l-oħrajn kien ġabarhom mingħand l-Ispettur Anthony Scerri. F'paġna 140 tal-atti, issa allura fir-relazzjoni tiegħu, l-espert Scerri jgħid li l-esebiti Dok AS 1 – Dok AS 6 huwa rċevihom mingħand il-Pulizija nhar l-1 ta' Marzu 2019. Dawn kienu:

AS1 – Samsung DUOS
AS2 – Melita Sim card
AS3 – Nokia Blue
AS4 – Vodafone Sim card
AS5 – Vodafone Sim card
AS6 – LG black

48. AS1, 3 u 6 huma mobile phones. L-oħrajn huma sim cards.

49. Imbagħad, l-espert Anthony Spiteri jgħid li huwa ġabar il-mobile phone markat bħala AS7 mingħand PC1491 Kurt Attard fit-3 ta' Mejju 2019. Dan huwa Samsung GT-S7392.

50. Dawn id-dikjarazzjonijiet tal-espert tekniku flimkien allura jikkonfermaw mnejn huwa ġabar dawn l-eżebiti li eventwalment analizza – u għamel differenza bejn dawk li huwa ġabar mingħand il-Pulizija u dawk li ġabar mingħand tal-Forensika. Fil-fatt f'paġna 84 PC442 Gary Scerri jixhed kif waqt li kienu qed jagħmlu tfitxija fil-vettura Pajero ġew elevati tliet mobile phones. Din taqbel mal-

kontenut tal-mistoqsija li tidher a fol 68 mnejn matul l-interrogazzjoni tal-akkużat l-Ispettur Scerri jalludi wkoll li tliet mobile phones instabu mill-Pulizija fil-vettura Pajero. Iżda iktar minn hekk hemm ukoll ir-relazzjoni ta PS186 Kristian Mintoff li minnha jirriżulta ritratt a fol 285 li fuq is-sedil tas-sewwieq ta' din il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBB 329 jirriżultaw tliet mobile phones.

51. Kif ingħad anki fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni preliminari, dawn ix-xiehda għad iridu jixhdu quddiem il-ġurati u jippreżentaw l-evidenza tagħhom. Iridu jixhdu l-Pulizija u l-espert tekniku li jridu eventwalment jagħtu d-dettalji ta' kif u mnejn huwa sabu l-istess oġġetti li ġew mgħoddija l-espert Anthony Spiteri u li fuqhom ħadem ir-relazzjoni tiegħu. Din hija kwistjoni ta' fatt li għandha titħalla f'idejn il-ġurati li jkollhom il-mansjoni jiddeterminaw mhux biss it-traċċabilita tal-prova iżda wkoll is-saħħa tagħha f'dan il-każ.

**Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda hawnhekk tiċħad din ir-raba' eċċezzjoni preliminari.**

**Ikkunsidrat**

52. Fil-**ħames eċċezzjoni preliminari** l-akkużat jitlob l-isfilz ta' sett ritratti f'għamla ta' fotokopja bil-kulur li ġew esebiti mill-Ispettur Anthony Scerri fis-seduta ta' nhar is-6 ta' Marzu 2019 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Huwa jixhed b'dan il-mod f'paġna 23 tal-atti kumpilatorji:

> Qiegħed nippreżenta formalment il-vettura charlie charlie bravo 329. Emm fid-dokument li qed nippreżenta hawn seba' paġni fosthom dettalji dwar il-vettura u ritratti tal-vettura. Hemm sitt ritratti tal-vettura.

53. Id-Difiża għandha raġun tilmenta li f'dan il-każ għalkemm l-Ispettur Scerri eżebixxa sett ritratti li jinsabu f'paġni 28 sa 31 ma ġiex indikat minn min dawn ir-ritratti ttieħdu.

54. Jidher li l-iskop li ttieħdu dawn ir-ritratti kien biex isaħħu l-eżibizzjoni formali tal-vettura aktar milli jservu ta' prova quddiem il-ġurija. Fi kwalunkwe każ, filwaqt li għall-fini tal-eżibizzjoni formali tal-vettura ma kienx hemm bżonn li jiġu wkoll mehmuża ritratti, jibqa' l-fatt li l-preżentata tar-ritratti mingħajr ma nġiebet il-prova ta' min ħa dawk ir-ritratti mhix waħda regolari.

55. Għalhekk mingħajr bl-ebda mod ma tolqot u taffettwa l-eżebizzjoni formali ta' din il-vettura taħt l-awtorita tal-Qorti, ir-ritratti a fol 28 sa 31 in kwantu ma ġewx awtentikati minn min ħadhom ma jistgħux jitqiesu bi prova ammissibbli.

**Għaldaqstant, din il-ħames eċċezzjoni preliminari qiegħda tiġi milqugħa.**

**Ikkunsidrat**

56. Illi f'din **is-sitt eċċezzjoni preliminari** l-akkużat jilmenta li l-operazzjoni kollha eżegwita mill-Pulizija minn wara l-arrest tiegħu hija nulla u dan konsegwenza tal-fatt illi huwa ma kienx mogħti d-dritt tal-assistenza legali mal-mument tal-arrest tiegħu. L-akkużat jippretendi mbagħad li din il-Qorti tordna l-isfilz ta' kull depożizzjoni li tagħmel referenza għall-operazzjoni tal-Pulizija b'mod dirett jew indirett. F'din is-sitt eċċezzjoni preliminari l-akkużat jattakka b'mod partikolari d-depożizzjoni tal-Ispettur Keith Arnaud a foljo 39 et seq. tal-atti proċesswali.

57. Illi din il-Qorti fliet b'reqqa d-depożizzjoni tal-Ispettur Keith Arnaud u tislet illi l-akkużat qiegħed jattakka din ix-xhieda u jippretendi li din tiġi sfilzata minħabba diversi referenzi illi fiha għal dak illi huwa stqarr mal-Pulizija mill-mument illi ġie arrestat u dawn għamlu varji tfittxijiet fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CCB 329, fl-istallel tal-akkużat kif ukoll ġewwa garaxxijiet adjaċenti ma' residenza appartenenti lill-familja MC KAY. Hekk li din il-Qorti tqis li f'foljo 41 tax-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, l-Ispettur Keith Arnaud jgħid illi mal-arrest ta' MC KAY, 'bdejna s-searches apparti illi tajt il-caution lil, lil, lil Clayton, infurmajtu bl-arrest u għalxiex qiegħed arrestat u tajtu anki dak il-ħin stess kopja tal-mandat illi kelli diġa preparat minn qabel.' Jirriżulta wkoll li bħala parti mid-depożizzjoni tiegħu, l-Ispettur Arnaud jagħmel diversi referenzi għal dak li stqarr MC KAY mal-Pulizija : -

i) Foljo 41 tax-xhieda tiegħu: jgħid illi lill-akkużat staqsieh jekk kienx hemm xi ħaġa ġewwa l-vettura tiegħu, mistoqsija li għaliha Clayton MC KAY wieġeb 'le' u li kull ma kellu kienet id-droga ġewwa l-vettura.

ii) Foljo 41 tax-xhieda tiegħu l-Ispettur Arnaud jgħid ukoll lil kien l-akkużat li wrieh fejn fil-vettura kien hemm id-droga.
iii) Foljo 42 tax-xhieda tiegħu l-Ispettur Arnaud jgħid li kien l-akkużat li wrieh kif tiftaħ kontenitur li kien fih miżien u kuċċarina;
iv) Foljo 42 tax-xhieda tiegħu l-Ispettur Arnaud jixhed kif meta l-Pulizija għamlu tfittxija fl-istalel, kien Clayton MC KAY li għin fit-tfittxija billi rabat iż-żwiemel.
v) Foljo 43 l-Ispettur Arnaud imbagħad jikwota lill-akkużat fejn dan kien qallu li fil-garaxx fejn kienet qiegħda ssir it-tfittxija ma kienx hemm splussiv 'pero' għandi droga ġewwa' u qallu wkoll 'nista' ngħatihielkhom'.
vi) Foljo 44 l-Ispettur Arnaud jgħid li kien MC KAY li wera lill-Pulizija kif id-droga kienet tinsab f'pouch iswed.

58. Issa f'dan ir-rigward irid jingħad li l-pożizzjoni li tirregola t-teħid ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mis-suspettat taħt id-dritt penali nostran ra żviluppi sostanzjali fi snin reċenti. Dan hekk kif maż-żmien il-Liġi kompliet tevolvi sabiex tirrifletti l-evoluzzjoni tad-dritt Ewropew għal dak li jirrigwarda d-drittijiet konċessi lill-persuni suspettati u akkużati ta' reat kriminali u kien għalhekk li ġie promulgat l-Att LI tas-sena 2016 liema strument leġislattiv introduċa – fost oħrajn- fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 355AUA. Din id-dispożizzjoni tal-Liġi – flimkien ma' oħrajn li ġew introdotti fil-Kodiċi Kriminali nostran taħt is-Sub-titolu IX tat-Titolu I tat-Taqsima I ġiet imfassla fuq id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għall-avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew u taqra bis-segwenti mod:

(1) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħallihateżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv.
(2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċessgħal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:
(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jewminn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtoritàġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;
(b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jewawtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' naturainvestigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħraskont is-subartikolu (8)(e);
(ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;(d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.

59. Illi l-pożizzjoni li kienu qiegħdin jaddottaw il-Qrati nostrana wara l-pronunzjament tad-deċiżjoni fl-ismijiet **Borg vs. Malta**[14] mill-QEDB kienet dik li jordnaw l-isfilz mill-atti proċesswali u kwindi l-inammissibilita' ta' dawk l-istqarrijiet irrilaxxjati mill-persuna suspettata u mbagħad akkużata u dan b'referenza għal dawk l-istqarrijiet li kienu jingħataw mingħajr ma' dan ikollu d-dritt għall-aċċess għall-assistenza legali fil-mument tal-interrogazzjoni. Hekk hawnhekk din il-Qorti qiegħda tirriproduċi testwalment l-imsemmija deċiżjoni kif intqal:

'56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).

57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).

58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).

(ii) Application to the present case :

59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.

60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above,

[14] Deċiża fit-12 ta' Jannar 2016 u reża finali fit-12 ta' April 2016 (applikazzjoni numru:37537/13)

§ 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, Pagna 27 minn 127 no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).

61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).

**62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56). 63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.**[15]

60. Illi mbagħad, aktar reċentement, il-QEDB kompliet tiżviluppa l-linja tal-ħsieb tagħha b'mod tali li ma baqgħetx titkellem fuq ksur awtomatiku ta' dritt għal smiegħ xieraq tal-akkużat f'każ li kienet teżisti ristrezzjoni sistemika għad-dritt għall-assistenza legali fil-fażi 'pre-trial' iżda addottat dawk il-kriterji li espandiet f'ġurisprudenza bħalma hi **Beuze vs. Belgium**[16] u **Farrugia vs. Malta**[17]. **Fil-kawża Farrugia vs. Malta**, b'referenza għall-kriterji enunċjati **f'Beuze vs. Belgium**, il-QEDB stqarret is-segwenti:

'98. Prior to the recent Beuze judgment, in a number of cases, the Court found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009 and Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010). That

[15] Enfasi ta' din il-Qorti.
[16] Deċiżjoni tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018 (applikazzjoni numru: 71409/10).
[17] Deċiżjoni tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju 2019 u reża finali fis-7 ta' Ottubru 2019 (applikazzjoni numru: 63041/13)

same approach was followed by the Court in relation to the Maltese context in Borg (no.37537/13, 12 January 2016).

**99. Subsequently, being confronted with a certain divergence in the approach to be followed in cases dealing with the right of access to a lawyer, the Court had occasion to further examine the matter in Ibrahim and Others, Simeonovi and more recently in Beuze, all cited above, where the Court departed from the principle set out in the preceding paragraph.**[18] In Beuze, the most recent authority on the matter, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them, as explained below. (i) Concept of compelling reasons

100. The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case. A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention (see Beuze, cited above, §§ 142-143).
(ii) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test 101. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see Beuze, cited above, § 145). 102. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against selfincrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 146). 103. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for the application of Article 6 §§ 1 and 3 (c) during police custody and the pre-trial proceedings will depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case (ibid., § 149).
(iii) Relevant factors for the overall fairness assessment 104. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account:

[18] Enfasi ta' din il-Qorti.

(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;
(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;
(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;
(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion; (e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;
(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;
(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;
(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;
(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and (j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice (ibid., § 150).'

118. However, the nature of the statements and their use is of particular relevance in the present case. The Court notes that they did not contain any confessions nor was their content self-incriminating. However, the privilege against self-incrimination is not confined to actual confessions or to remarks which are directly incriminating; for statements to be regarded as self-incriminating it is sufficient for them to have substantially affected the accused's position (see, for example, Schmid-Laffer v. Switzerland, no. 41269/08, § 37, 16 June 2015). Indeed, the statements given by the applicant, at pre-trial stage in the absence of a lawyer, were relied on by the Court of Criminal Appeal in connection with the applicant's credibility. In particular, in its judgment the Court of Criminal Appeal had noted certain inconsistencies in his statements of 1 and 2 February 2002 (see paragraph 22 above) and it had considered that he was not reliable as the applicant had replied in an evasive and hesitant way to police questions concerning his business, profitability, rent, and profits of the previous year (see paragraph 26 above). Nevertheless, the Court cannot but note that the Court of Criminal Appeal had found that A.F.'s statements had been enough to determine the applicant's guilt. In consequence its assessment of the applicant's credibility on the basis of his pre-trial statements can be considered as having been made ex abundanti cautela (out of an abundance of caution). In the light of the Court of Criminal Appeal's finding concerning the sufficiency of A.F.'s statements, the Court considers that the use it made of the applicant's statements to assess his credibility cannot be considered as having substantially affected his position. (iii) Conclusion

**119. In conclusion, while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.**

**120. There has therefore been no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.**[19]

61. U din il-linja ġurisprudenzjali ġiet abbraċċjata pjenament mill-Qrati nostrana hekk fost oħrajn f'każijiet fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Lamin Samura Seguba,**[20] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Kevin Gatt u Omissis,**[21] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ahmed El Fadali Enan,**[22] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rosario Militello,**[23] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf Josephine Wadi.**[24]

62. Dan iżda sa ftit żmien ilu biss, għaliex iktar reċenti, f'dawn l-aħħar sentejn, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bdew jadottaw pożizzjoni iktar riġida minn dawk il-linji gwida abbraċċjati mill-QEDB f'**Beuze** u f'**Farrugia** u dan fuq l-influwenza nonche' direzzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għall-ġurisprudenza bħalma hi **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Keith Cremona** deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2022 mill-Qorti Kriminali; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carl Caruana** deċiża nhar deċiża mill-Qorti Kriminali kif preseduta nhar is-6 ta' Diċembru 2022; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Andrew Mangion** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Mejju 2022; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Bugeja u Piero Di Bartolo** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar it-22 ta' Ġunju 2022.

63. Illi dan l-iżvilupp ġurisprudenzjali kien influwenzat mid-direzzjoni li tat il-Qorti Kostituzzjonali sabiex jiġu evitati lanjanzi dwar ksur sistemiku ta' drittijiet fundamentali tal-akkużat. F'dan is-sens din il-Qorti tagħmel referenza għal dak enunċjat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ta' **Morgan Onuorah vs. l-Avukat tal-Istat** deċiża nhar is-27 ta' Jannar 2021:

> 25. Fl-aħħar aggravju r-rikorrent argumenta dwar ir-rimedji. Isostni li:
>
> "Illi jiġi rilevat illi jekk hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem minħabba kemm l-operat tal-Pulizija Investigattiva u kemm mill-Avukat Generali, awtomatikament il-proċeduri sussegwenti fil-konfront tal-appellanti kienu monki u jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem peress li bdew u bbazati fuq ċirkostanzi leżivi għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. L-appellant jirrileva illi l-Qorti bħala

[19] Enfasi ta' din il-Qorti.
[20] Deċiża nhar is-27 ta' Jannar 2021 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)
[21] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Ottubru 2021
[22] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Jannar 2021.
[23] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Jannar 2021
[24] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Jannar 2021.

Sede Kostituzzjonali għandha tiggarantixxi il-korrettezza tal-proċeduri meħuda u s-sentenza infushom fis-sens illi għandhom jiġu garantiti l-ħarsien ta' ċertu prinċipji proċedurali li huma indispensabbli għall-amministrazzjoni tajba tal- ġustizzja".

26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil- presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l- istess insenjament. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l- assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura adversarial tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq: "57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".

28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is- sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza Ibrahim and Others v. the United Kingdom tat- 13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-'overall fairness' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il- prinċipju.

29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu.'

'30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil- kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal- Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat iddritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija. Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah (att ta' akkuża numru 11/2015) tippermettix l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal- pulizija.

64. L-istess ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **The Police vs. Alexander Hickey** deċiża fl-istess ġurnata u **Clive Dimech vs. Avukat Ġenerali**.[25] Ukoll, **f'Christopher Bartolo vs. Avukat tal-**

[25] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Lulju, 2020)

**Istat**[26] il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet is-segwenti b'rabta ma' dawk l-istqarrijiet **<u>li l-akkużat ikkonferma quddiem il-Maġistrat Inkwirenti taħt ġurament wara li kien irrilaxxja l-istess quddiem l-Uffiċjal Investigattivi</u>**:

> 74. Daqshekk huwa importanti li stqarrija tittieħed bil-garanziji kollha li jħarsu d-drittijiet ta' min ikun qiegħed jirrilaxxja għaliex l-ammissjoni hija wara kollox ir-regina. Di fatti Karen Reid fil-ktieb 'A practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights' (Tielet Edizzjoni) f'paġna 70: "While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall." Iġifieri, prova waħda ottenuta kontra l-liġi, tista' waħedha tikkontamina l-proċess kollu. Ghaldaqstant il-Qorti kkonkludiet bis-segwenti:
>
> 79. Il-Qorti qed tipprova tirrinkonċilja l-fatt, fid-dawl ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018. Dik il-Qorti ordnat, li biex ma jseħħx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar użu fil-proċeduri kriminali miż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent. Fid-dawl ta' din l-ordni, din il-Qorti ma tistax tifhem b'liema tiġbid tal-immaginazzjoni tista' tasal għall-konklużjoni li l-konferma bil-ġurament ta' dawk l-istqarrijiet quddiem il-Maġistrat ma għandhomx ukoll ikunu mwarrbin. Kważi kwazi dan għandu xebħ mal-każ fejn dokument oriġinali jitwarrab iżda mhux il-kopja tiegħu. Il-konferma bil-ġurament hija unikament imsejsa fuq l-istqarrijiet u kwalunkwe ammissjoni kienet ukoll b'konsegwenza tal-istess.

65. Issa, din il-Qorti taqbel mal-pożizzjoni kif enunċjata mill-QEDB f'**Beuze vs. Belgium** f'kuntest fejn l-istqarrijiet jew id-dikjarazzjonijiet mis-suspettat ikunu saru skont il-liġi kif viġenti fiż-żmien meta jkunu ġew hekk meħuda u magħmula. Madanakollu, kif ingħad iktar 'il fuq, fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti tal-Qorti Kostituzzjonali nonche' ta' sentenzi bħalma huma **Clive Dimech vs. Avukat Ġenerali**, **The Police vs. Alexander Hickey**, **Morgan Onourah vs. Avukat tal-Istat** u **Christopher Bartolo vs. Avukat tal-Istat**, din il-Qorti sejra wkoll tapplika dik id-direzzjoni hemmhekk magħżula u dan sabiex jiġu evitati lanjanzi tat-tip kostituzzjonali minħabba l-potenzjalita' li l-istqarrijiet meħuda mingħajr il-preżenza tal-avukat tal-fiduċja tiegħu tkun leżiva għad-drittijiet tal-akkużat qua appellant. F'dan ir-rigward din il-Qorti qiegħda tagħmel referenza, fost oħrajn, għal kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Andrew Mangion**[27] fejn bl-istess mod, ġie ritenut:

[26] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2021
[27] Deċiża 22 ta' Ġunju 2022 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)

Illi għalkemm, kif ingħad, l-imsemmija prova mhijiex nieqsa mill-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola ta' dritt penali li qed teskludi l-ammissjoni ta'l-istess, u ġaladarba ukoll il-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu għadu ma seħħx, biex b'hekk lanqas jista' jiġi stabbilit f'dan l-istadju bikri jekk kienx hemm xi vjolazzjoni tal-persuna akkużata taddrittijiet kostituzzjonali tagħha, madanakollu l-Qorti ma tistax ma timxiex maddirezzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali billi jidher li din hija waħda kostanti, għalkemm, kif ingħad, il-proċess ġudizzjarju għadu ma wasalx fit-tmiem tiegħu. Intqal hekk fl-aktar deċiżjoni reċenti mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali : -

11. Illi dan ifisser ukoll li għalkemm jista' jkun li dik l-istqarrija maħlufa ma kisritx diġa` l-jedd fundamentali tal-appellat għal smigħ xieraq (minħabba li lproċess kontrih għadu mhux mitmum), x'aktarx iġġiblu ksur ta' dak il-jedd li kieku wieħed kellu jqis dak li tgħid fiha u jimxi fuqha. .....

15. Illi meta wieħed jiġi biex jifhem kif jitħaddem kemm l-Artikolu 39 talKostituzzjoni u kif ukoll l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, iridu ta'bilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun, u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti. Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li ta' bilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq. F'ċirkostanza bħal din u safejn ma toħroġx prova ta' xi ħsara jew preġudizzju li ma jissewwiex, huwa ndikat u għaqli li l-istħarriġ dwar jekk wieħed ingħatax smigħ xieraq isir wara li jkun intemm il-proċediment li jkun u mhux qabel. Huwa minnu wkoll li wieħed ma jistax jeskludi minn qabel li jista' jkun hemm ċirkostanza proċedurali waħda matul il-proċess ġudizzjarju li taf tkun serja u determinanti biżżejjed biex titlob l-istħarriġ tal-ilment ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda r-regola tibqa' li jitqies l-iter proċedurali kollu. ...

Iżda finalment imbagħad ġie hekk deċiż:

Min-naħa l-oħra, bħalma din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ewwel kawża kostituzzjonali sabet li kien jixraq li ma jsir l-ebda użu ieħor taż-żewġ stqarrijiet li r-rikorrent appellat ta lill-Pulizija, bla ma sabet li kien diġa` ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, hekk ukoll f'dan il-każ, il-fatt li din il-Qorti jidhrilha li ma għandu jsir l-ebda użu mill-istqarrija maħlufa li l-appellat għamel quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, ma jfissirx li dan qiegħed isir għaliex huwa ġarrab ksur ta' dak il-jedd, imma sewwasew biex jitneħħa lbiżgħa li jista' jġarrab ksur bħal dak;

18. Illi l-Qorti allura trid neċessarjament timxi mad-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali, u dan għalkemm f'dan l-istadju tal-proċeduri ma jistax jingħad illi l-prova magħmula permezz tal-istqarrija tal-akkużat hija mittiefsa minn xi difett proċedurali li jirrendieha inammissibbli, kif tajjeb tikkonkludi l-Qorti Kriminali. Dan qed isir ukoll bil-għan li jkun hemm

trattament ugwali bejn il-persuni kollha li jersqu quddiem il-qrati penali sabiex ikunu ġġudikati dwar reati allegatament minnhom kommessi u wkoll sabiex ikunu evitati proċeduri ulterjuri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, bil-proċess ġudizzjarju jitwal inutilment.

66. L-akkużat ġie arrestat fit-22 ta' Frar 2019, fi żmien meta fil-Liġi penali Maltija kien issa daħal fis-seħħ id-dritt li jippermetti lis-suspettat li jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu fil-mument illi huwa jkun qiegħed jirrilaxxja dikjarazzjonijiet mal-Pulizija. Għalhekk ma hemmx dubju li kien fid-dmir tal-Pulizija li qabel jibdew jagħmlu mistoqsijiet lill-persuna suspettata kellhom ituh id-drittijiet kollha tiegħu, b'mod partikolari id-dritt li jikkonsulta ma avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma jagħmel kwalunkwe stqarrija u anke waqt li jkun qed jirrilaxxja stqarrijiet.

67. Jirriżulta li l-investigazzjoni f'dan il-każ bdiet minn naħa tas-CID b'rabta ma informazzjoni dwar suspett li kienet qegħda tiġi pjanata li tinħadem bomba bejn diversi persuni fosthom l-akkużat. Kien għalhekk li l-ġja Spettur Keith Arnaud flimkien mas-Surġenti Keith Rizzo u Anthony Portelli, u l-Kuntistabbli Gary Scerri u oħrajn marru biex jarrestaw lill-akkużat minn Wied iċ-Ċawsli, f'Ħal-Qormi. L-Ispettur Arnaud saħaq li qabel beda t-tfitxija "tajt il-caution lil, lil, lil Clayton, infurmajtu bl-arrest u għalxiex qiegħed arrestat u tajtu anke dak il-ħin stess kopja tal-mandat li kelli diġa' preparat minn qabel". Minn din ix-xiehda tal-Ispettur Arnaud ma joħroġx ċar jekk dik il-"caution" li huwa tah kienetx tinkludi wkoll il-jedd għall-assistenza legali.

68. PC442 Gary Scerri jixhed f'paġna 83 bħala li kien wieħed mill-Aġenti tal-Pulizija li marru biex jeżegwixxu mandat t'arrest fil-konfront tal-akkużat għal tfitxija rigward materjal splussiv jew xi bomba li setgħet kienet qegħda tinħadem. PC442 jgħid f'paġna 84 li wara li l-akkużat ġie mmantetjat, l-Ispettur Arnaud tah kopja tal-mandat filwaqt li kien PS1402 li lill-akkużat "tah id-drittijiet kollha tiegħu". Dan ix-xhud ma jispeċifikax sewwasew x'ried jgħid biha l-espressjoni tah id-drittijiet kollha tiegħu – ma jweġibx jekk fosthom kienx hemm ukoll it-twissija relattiva għall-assistenza legali.

69. PS1402 Keith Rizzo xehed a fol 86 u f'paġna 87 jixhed li meta arrestaw lill-akkużat l-Ispettur Arnaud infurmah fuq "xiex inhu arrestat, jien infurmajtu bid-drittijiet tiegħu u minn hemmhekk saret it-tfittxija fil-karozza. Anke hawn, għalkemm dan ix-xhud jiddikjara

li kien hu li informa lill-akkużat bid-drittijiet tiegħu ma jgħidx x'kien il-kontenut ta' dawk id-drittijiet, u jekk kienx jinkludi wkoll id-dritt għall-assistenza legali skont il-Liġi.

70. PC432 Sandro Mamo wkoll jixhed f'paġna 89 li meta l-akkużat ġie arrestat kien ingħata "il-caution u l-arrest, x'kien id-dritt tal-arrest". PS426 Anthony Portelli f'paġna 105 jixhed li "Clayton McKay ġie infurmat bl-arrest u ngħata kopja tal-mandat ta' arrest mill-Ispettur Keith Arnaud u PS1402 kien tah id-drittijiet tiegħu". Anke dan ix-xhud ma jagħtix dettalji dwar liema kienu dawn id-drittijiet li ġew mogħtija minn PS1402 lill-akkużat fuq ix-xena tal-arrest.

71. Meta l-akkużat, wara l-arrest ittieħed biex jiġi formalment interrogat, huwa rrilaxxja stqarrija fit-23 ta' Frar 2019 f'12:17. Preżenti għal din l-interrogazzjoni kien hemm l-Ispettur Anthony Scerri PC409 Joe Zarb u l-akkużat li kien assistit minn Dr. Amadeus Cachia u Dr. Damian Cassar. Matul dan l-interrogatorju l-Ispettur Anthony Scerri, f'paġna 73 jagħmel din is-segwenti mistoqsija :

> Mela, nibda biex nghidlek li l-invetigazzjoni li bdiet 'il bierah bdiet primarjament fuq investigazzjoni dwar suspett ta' bomba, tajjeb? Fil-fatt, fil-, mandat li pproducewlek il-Pulizija kien hemm miktub dan, nawblu dwar dan li l-mandat li tawk kien fih dan id-diskors? Qalulek il-Pulizija fuq x'hiex, fuq x'hiex....
>
> Clayton McKay : Iva.
>
> Spettur Anthony Scerri : ... gew hemmhekk? Tajjeb. Naqblu li meta gew il-Pulizija, waqqfuk, tawhomlok id-drittijiet tieghek, jigifieri li int ghandek id-dritt li ma titkellimx, tkellem avukat, dawn l-affarijiet.
>
> Clayton McKay : Ijja.
>
> Spettur Anthony Scerri: Dawn qeghdin naqblu fuqhom?
>
> Clayton McKay : Iva, iva.

72. Kien għalhekk l-akkużat stess li fl-istqarrija tiegħu allura kkonferma li fost dawk id-drittijiet li l-Pulizija tawh fil-jum ta' qabel kien jinkludi wkoll id-dritt tal-assistenza legali – u li dawk id-drittijiet tawhomlu "hemmhekk...meta ġew il-Pulizija, waqfuk, tawhomlok id-drittijiet tieghek".

73. Din id-dikjarazzjoni tal-akkużat innifsu tmeri u tikkontradiċi l-eċċezzjoni numru sitta, li għalhekk sejra tiġi miċħuda. Fi kwalunkwe każ, ix-xiehda ta' dawk l-Uffiċjal u Aġenti tal-Pulizija għad trid tinstema' quddiem il-ġurati u l-akkużat sejjer ikollu l-opportunita kollha li, jekk irid, ikun jista' jistaqsihom il-mistoqsijiet kollha pertinenti dwar in-natura tat-twissija li huma kienu tawh dakinhar tal-arrest tiegħu.

74. Jibqa' l-fatt li l-Uffiċjali u Aġenti tal-Pulizija għandhom jagħmlu sforz li meta jagħtu t-twissijiet lil persuni suspettati jew akkużati għandhom ikunu ċarissimi fi kliemhom u fl-espressjonijiet li jużaw, daqskemm għandhom ikunu wkoll ċarissimi fi kliemhom meta jiġu jixhdu u jispjegaw x'tip ta' twissijiet ikunu taw lil persuni suspettati jew arrestati u xi jkun il-kontenut ta' dawk it-twissijiet.

75. Iżda fl-istat tal-atti attwali jirriżulta li hemm il-prova, msaħħa mill-istqarrija tal-akkużat stess li qabel ma l-Pulizija bdew ikelmu lill-akkużat huma kienu tawh ukoll id-dritt li jikkonsulta mal-avukat. Kien minn hemm li imbagħad proċedew biex jagħmlu t-tfitxijiet u fejn allura kien l-akkużat stess li kkollabora magħhom.

**Għaldaqstant, din is-sitt eċċezzjoni tal-akkużat qiegħda tiġi respinta.**

**Ikkunsidrat**

76. Illi din **is-seba' eċċezzjoni preliminari** hija bbażata fuq l-istess argument li l-akkużat ressaq permezz tas-sitt eċċezzjoni minnu ssolevata. Hawnhekk iżda jagħmel referenza għall-kontenut tad-depożizzjoni tal-Ispettur Anthony Scerri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja li tinsab ikkumpilata a foljo 21 tal-proċess. Jiġi rilevat li skont ma jirriżulta mid-depożizzjoni tal-Ispettur Anthony Scerri f'foljo 22 tal-proċess, kien proprju l-akkużat MC KAY li uriehom fejn kienet tinstab id-droga meta l-Pulizija għamlu tfittxija l-ewwel ġewwa r-razzett fejn kienet instabet il-vettura tal-akkużat kif ukoll meta huma għamlu tfittxija ġewwa l-garaxx.

77. F'dan ir-rigward, il-Qorti terġa tagħmel riferenza għal li diġa ġie mistqarr b'rabta mas-sitt eċċezzjoni preliminari fis-sens li l-istess konsiderazzjonijiet japplikaw għal din l-istanza. B'żieda ma dan pero jingħad ukoll li fl-istqarrija, a fol 80-81 hemm is-segwenti silta li għal darb'oħra twieġeb u tikkonfuta dak li l-akkużat qed

iressaq f'din is-seba' eċċezzjoni u terġa tirriafferma l-fatt li qabel ma ġie mitkellem huwa kien ġie mogħti l-jeddijiet tiegħu. Din trid ukoll tiġi moqrija flimkien ma' dak li kien diġa stqarr l-akkużat b'riferenza għal meta huwa kien ġie mwaqqaf l-ewwel darba mill-pulizija ħdejn ir-razzett:

> Spettur Anthony Scerri: Ma twegibx. Aktar tard giet ezaminata d-droga, anzi ha murlek pass qabel, inti, issa din tista' ma twegibnix kemm trid, pero' din kont prezenti jien ghaliha u jekk nigu f'dan l-argument, hawnhekk qed tmeri lili, jiena kont mieghek fil-garaxx tal-Pulizija u kif inti dhalt fil-garaxx tal-Pulizija, l-ewwel kelma li ghidtlek jiena, tawhomlok id-drittijiet tieghek, naqblu fuqha din ? Gifieri kif dhalt inti, ghidtlek tawhomlok id-drittijiet tieghek meta gejt arrestat?
>
> Clayton McKay : Mhm.
>
> Spettur Anthony Scerri : X'għidtli inti?
>
> Clayton McKay : Iva.

**Għaldaqstant din l-eċċezzjoni preliminari numru sebgħa wkoll qiegħda tiġi miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

78. Illi **it-tmien u d-disa' eċċezzjonijiet preliminari** sejrin jittieħdu flimkien u din għar-raġuni illi jitrattaw l-istess punt tad-dritt. Jibda biex jingħad li għar-rigward ix-xhieda indikati mill-Avukat Ġenerali ta' l-Ispettur Justine Grech, l-Ispettur Mark Mercieca u s-Supretendent Frank Anthony Tabone, l-akkużat għandu raġun fejn josserva kif dawn ix-xhieda ma xehdux fl-istadju tal-kumpilazzjoni tal-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Biss jirriżulta li fin-nota magħmula ai termini tal-Artikolu 438(1) u 590(2) tal-Kodiċi Kriminali l-Avukat Ġenerali kien inkluda lil dawn ix-xhieda fost dawk ix-xhieda li kienu sejrin jixhdu fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

79. Għalkemm ikun deżiderabbli li l-Avukat Ġenerali jressaq lil dawk ix-xiehda li jkunu jridu jixhdu fil-ġuri matul il-kompilazzjoni sabiex ix-xiehda tagħhom tiġi preservata, ma hemm xejn li fil-Liġi jżomm lill-Avukat Ġenerali milli jressaq lil xhud biex jixhed fil-ġuri minkejja li ma jkunx resqu biex jixhed fil-kors tal-kompilazzjoni – dment pero li jkun indikah fil-lista tax-xhieda msemmija fl-artikolu 590(2) tal-Kodiċi Kriminali.

80. In kwantu mbagħad għad-disa' eċċezzjoni, din il-Qorti tirrileva li dak tal-Avukat Ġenerali jidher illi kien lapsus calami fejn dan indika lill-Ispettur Omar Cauchi bħala xhud. Effettivament ix-xhud Omar Cauchi xehed fis-seduta ta' nhar is-6 ta' Marzu 2019 u jidher illi mhux ispettur tal-Pulizija iżda xhud komuni li xehed b'rabta mal-vettura li ġġib in-numru ta' reġistrazzjoni CCB 329 mertu ta' dawn il-proċeduri.

81. **Għaldaqstant it-tminn u d-disa' eċċezzjonijiet qegħdin jiġu miċħuda.**

# KONKLUŻJONI

**Għaldaqstant fuq l-iskorta ta' dak premess filwaqt li tilqa' l-ħames eċċezzjoni preliminari, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitt, is-seba', it-tminn u d-disa' eċċezzjonijiet preliminari u b'hekk il-kawża qed tiġi differita "sine die" sakemm ikun deċiż xi appell eventwali u/jew sakemm imissha t-turn tagħha biex tinstema' quddiem din il-Qorti bil-ġurati, skond jekk isirx appell minnha jew le.**

**Sadattant l-akkużat jibqa' jgawdi mill-istess kondizzjonijiet għal dak li jirrigwarda l-ħelsien mill-arrest.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**